MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru. 896/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**JOSEPH BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BUGEJA** bin Emanuel u Assunta nee Aquilina imwieled nhar is-27 ta' Lulju, 1962 u residenti fil-fond numru 30, Arzella, Triq il-Kunsill Civiku, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 37362G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Ghawdex nhar il-Hadd 17 ta' Ottubru, 2004, meta kien ordnat mill-Qorti b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja datat 18 ta' Ottubru, 2001 fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet ordnat li martu Miriam Bugeja ghandha jkollha l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri

Charlon bejn il-Hadd filghaxija sal-Gimgha wara nofsinhar irrifjuta li jirritorna lura lil minuri Charlon lil martu minghajr raguni xierqa.

Il-Qorti semghet lil Mary Bugeja tixhed fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2005 u tghid illi hija tinsab ghaddeja proceduri ghas-separazzjoni principali minn ma zewgha l-imputat, u skond digriet mghoti mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, gurisdizzjoni volontarja nhar it-18 ta' Ottubru, 2001, esebit fl-atti bhala dokument S, hija giet mghotija il-kustodja tat-tifel minuri Charlon, flimkien mal-imputat b'dan illi hija ghandha l-kura tat-tifel Charlon bejn il-Hadd filghaxija sal-Gimgha wara nofsinhar. Illi ikkonfermat li l-Hadd, 17 ta' Ottubru, 2004 zewgha l-imputat ma rritornalhiex it-tifel kif kien obbligat li jaghmel skond id-digriet fuq imsemmi. Illi x-xhud mistoqsija jekk inaghatatx digriet iehor mill-Qorti apparti dak fuq imsemmi, wiegbet fin-negattiv pero' ghamlet referenza ghall-verbal mizmum f'kawza ohra fl-istess ismijiet premessi li tinsab pendenti sub judice, liema digriet huwa datat 7 ta' Ottubru, 2004, fejn kien gie deciz bejn il-partijiet stess illi l-imputat kien obbliga ruhu li kull nhar ta' Erbgha, bejn l-erbgha u nofs u s-sitta ta' filghaxija u s-Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar, jakkompanja lil ibnu ghand is-sorijiet ta' Lourdes, biex b'hekk it-tifel ikun fil-presenza taghhom.

Il-Qorti semghet lill-imputat jixhed fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2005 u jghid illi vera huwa kien obbligat li jirritorna t-tifel Charlon ghand ommu l-Hadd 17 ta' Ottubru, 2004 filghaxija, pero' dan ma ghamlux ghaliex skond verbal redatt f'kawza ohra tal-istess generu sub judice l-Qorti (dokument CB3 esebit fl-atti) kien ftehem ma martu l-kwerelanti illi huwa ghandu jiehu t-tifel f'Lourdes Home, kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Sibt sabiex jara l-ommu u dan ghaliex it-tifel ma riedx imur ghand ommu ghall-ebda raguni. Huwa esebixxa kopja tal-verbal tal-Qorti datat 7 ta' Ottubru, 2004.

Xehed ukoll Reverend Father Carmel Gauci fl-istess seduta fejn ikkonferma illi fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, 2004, Charlon Bugeja ma attendiex l-iskola u meta huwa indaga biex jara x'kienet ir-raguni, irrizultalu illi t-tifel kien

qed jibza minn ommu u wara li huwa ipprova jipperswadieh jirritorna l-iskola, ra illi l-isforz tieghu kien inutili u li fil-fatt kien il-missier li rrnexxielu jwassal lil minuri l-iskola wara li l-istess minuri kien xehed il-Qorti.

Xehed Doctor John Xuereb Curmi fl-istess seduta u ikkonferma c-certifikat rilaxxat minnu dokument CB 2 u qal illi nhar il-21 ta' Awissu, 2004, huwa kien esamina lil Charlon Bugeja u sab li kien qed isofri minn "linear scratch 6 centimeters long of several days duration, right side of chest wall".

Il-Qorti ghaddiet biex tesamina dak li gara fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004, u minn esami tal-verbal esebit fl-atti jirrisulta li il-Qorti kienet ordnat is-segwenti bi qbil bejn il-partijiet: "Il-Qorti tordna illi bla pregudizzju ghall-kawzi pendenti kemm dawk civili kif ukoll din odjerna, il-partijiet jaqblu li t-tifel minuri ser jkun fil-kustodja parzjali tal-missier b'dak illi l-missier jobbliga ruhu li kull nhar ta' Erbgha, bejn l-4.30pm sas-6.00pm u s-Sibt bejn l-10.00am sa nofsinhar, jakkompanja lil ibnu ghand is-Sorijiet ta' Lourdes, biex b'hekk, fil-presenza tal-omm, it-tifel joqghod fil-presenza tat-tnejn. Dan l-arrangjament ghandu jibqa sal-21 ta' Ottubru, 2004 f'dik l-okkazzjoni li s-sitwazzjoni tigi riveduta".

Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2005, din is-sitwazzjoni ma gietx riveduta u l-Qorti kienet giet infurmata illi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet ghada l-istess fis-sens illi kienu qeghdin jintaqaw fid-dar ta' Lourdes u l-kawza kienet giet differita ghat-3 ta' Marzu, 2005.

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005, il-partijiet ghamlu referenza ghall-verbal fuq imsemmi registrat f'kawza ohra fuq mertu identiku pendenti bejn il-partijiet, okkorrenza numru 526/2004 u qablu illi dak li gie ivverbalizzat f'dik il-kawza minnhom, kellu japplika ghall-kawza odjerna.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tirriproduci verbatim dak li gie verbalizzat minnhom f'dik is-seduta b'referenza ghal din il-kawza u cioe` "Dr. Chris Said jiddikjara li kien sar quddiem

din il-Qorti kien biss wiehed provvisorju. Il-kwerelanta Mary Bugeja, kienet accetat li tara lil binha minuri f'Lourdes Home stante illi ma setghatx tissaporti aktar zmien minghajr ma tara lil binha, kif ukoll bit-tama li dan ikun pass li hija terga titkellem ma binha minuri u tipprova tfhemu li dak li kien qed jinghad mieghu fil-konfront taghha ma kienx minnu. Minkejja dan, waqt dawn l-okkazzjonijiet, f'Lourdes Home, hija qatt ma inghatat l-icken opportunita` mill-imputat Joseph Bugeja li tikkomunika b'mod xieraq ma binha minuri u ghalhekk ghall-kwerelanta dan il-ftehim ma ghadux jesisti ghalkemm hija ghada tmur Lourdes Home kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt, ghax hu l-uniku mod kif tara lil binha anke jekk f'dawn l-okkazzjonijiet hija ma tistax tikkomunika b'mod liberu ma binha.

Dr. Vincent Galea ghall-imputat jirrileva illi l-allegazzjonijiet maghmula fil-verbal tad-difensur tal-parte civile huma fierha u vessatorji u ma jirriflettux ir-realta` u dan peress illi l-insinwazzjonijiet maghmula "**issa**" qatt ma saru dakinhar meta gie redatt fil-verbal quddiem il-Qorti u cioe` fis-7 ta' Ottubru, 2004.

Galadarba li qed jigi dikjarat issa f'dan l-istadju illi dan il-ftehim ma ghadux in vigore u peress illi l-partijiet kienu qabblu illi l-arrangament milhuq fis-7 ta' Ottubru, 2004 quddiem din il-Qorti jigi rivedut l-imputat jitlob li dawn il-proceduri jigu rtirati mill-Prosekuzzjoni il-ghaliex qatt ma kien hemm ksur ta' xi ligi.

Il-Prosekuzzjoni b'referenza ghall-verbal maghmul minn Dottor Vincent Galea, tigbed l-attenzjoni tal-Qorti li l-akkuza tirrigwarda digriet mghoti fit-18 ta' Ottubru, 2001 u mhux ghall-ftehim li sar bejn il-partijiet.

Il-kawza giet trattata.

Dottor Vincent Galea ghall-imputat jitlob illi l-Qorti taghti d-decizjoni taghha preliminari fuq il-kwistjoni tal-prosegwiment o meno tal-kawza odjerna. Ghall-kull bon fini jigi dikjarat illi li-akkuzat fadallu xhieda ohra xi jressaq in sostenn tad-difiza tieghu fuq il-mertu ta' dan il-kaz.

Dottor Chris Said jaqbel li ghandha tinghata sentenza preliminari pero' jitlob li jinghata l-opportunita` li jippresenta b'nota, kopja tar-rikorsi li saru mill-kwerelanta fuq l-access kif miftiehem fis-7 ta' Ottubru, 2004 u d-digrieti fuq l-istess rikorsi".

Illi nhar l-4 ta' Marzu, 2005 l-imputat ippresenta nota b'tlett dokumenti li gew immarkati bhala dokument A, B u C. Illi d-dokument A jikkonsisti f'rikors ippresentat quddiem din il-Qorti mill-kwerelanti fejn hija ghamlet referenza ghad-digriet mghoti minn din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 2004 (li din il-Qorti ssejjahlu verbal u mhux digriet) u fejn talbet lill-Qorti li l-kuntatt li hija ghandha f'Lourdes Home, jsir minghajr il-presenza kontinwa tal-missier. Id-dokument B huwa d-digriet li nghata minn din il-Qorti fejn din l-istess Qorti innotat li hija ma tat l-ebda digriet li jirregola l-access u kien biss ftehim bonarju bejn il-partijiet u d-dokument C huwa digriet iehor mghoti minn din il-Qorti fejn hija asteniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-kwerelanti li kopja tieghu huwa esebit bhala dokument A peress illi l-mertu tieghu ma jaqax fil-kompetenza taghha.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra taghti sentenza fuq dak mitlub minnha fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 u cioe` jekk din il-kawza ghandhiex titkompla in vista ta' dak li gie vverbalizzat minnha f'dik is-seduta.

Illi m'hemmx dubju illi l-Qorti tal-Magistrati Gurisdizzjoni Volontarja kienet ordnat illi l-kura tat-tifel minuri ikun fdat f'idejn il-genituri b'mod konguntiv, pero' fid-digriet taghha, ipprovdiet kif kellu jkun l-access tal-minuri u cioe` mit-Tnejn sal-Gimgha mal-ommu, filwaqt illi fil-weekends, ikun mal-missier.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-kwerelanti, illi l-imputat ma kienx qed josserva dan id-digriet ghar-ragunijiet mghotija minnu fix-xhieda li huwa ta' l-Qorti.

Illi jirrizulta illi l-partijiet kienu qablu bla pregudizzju ghal dan id-digriet mghoti mill-Qorti, Gurisdizzjoni Volontarja, li jirregolaw l-access ta' dan it-tifel minuri b'mod amikevoli u

pprovissorju skond il-verbal tal-Qorti datat 7 ta' Ottubru, 2004 fejn il-partijiet kienu obbligaw ruhhom, illi l-access tat-tifel minuri ghandu jkun f'Lourdes Home, jumejn fil-Gimgha, meta z-zewg genituri jkunu presenti.

Mill-atti processwali jirrizulta li dan il-ftehim baqa' jigi segwit salv ghal xi gurnata partikolari meta l-imputat kien l-isptar, b'mod regolari, gimgha wara gimgha, mis-7 ta' Ottubru, 2004 sal-ahhar seduta meta kienet qed tinstemgha din il-kawza.

Illi nonostante li fil-verbal tal-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 2004 jinghad illi dan il-ftehim kien wiehed provvisorju u kellu jigi rivedut fil-21 ta' Ottubru, 2004, dan ma giex rivedut u s-sitwazzjoni baqghet l-istess sat-3 ta' Marzu, 2005 meta l-avukat tal-kwerelanti iddikjara indirettament illi ma kellux aktar pjacir li dan il-ftehim jibqa in vigore. U kien ghalhekk li l-avukat difensur talab li tinghata sentenza ghaliex hass illi l-imputat ma kienx obbligat isegwi d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Volontarja, datat 18 ta' Ottubru, 2001 bejn il-perjodu tas-7 ta' Ottubru, 2004 l-quddiem sakemm effettivament gie rivedut.

Illi fil-fehema tal-Qorti, l-avukat difensur ghandu ragun b'dak li ddikjara fil-verbal tat-3 ta' Marzu, 2005 u dan ghaliex huwa ovvju illi l-imputat ghamel il-ftehim verbalizzat fis-7 ta' Ottubru, 2004 bhala alternattiva ghad-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Zgur illi l-ispirtu ta' dan il-ftehim ma kienx wiehed illi l-imputat jipprovdi access skond id-digriet tal-gurisdizzjoni volontarja u skond il-ftehim registrat f'din il-Qorti, ghaliex tali accessi huwa differenti u jmorru kontra xulxin u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tippretendi li l-imputat intrabat bid-digriet u bil-verbal.

Illi l-Qorti tinnota b'dispjacir kbir dak li gie verbalizzat mill-avukat tal-parte civile fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 dwar dak li gara fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004 u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta dak li vverbalizza l-avukat tal-kwerelanti illi meta l-kwerelanti ftehmet mal-imputat fis-7 ta' Ottubru, 2004, hija ghamlet hekk ghaliex kienet taht xi pressjoni. Il-Qorti kienet ghamlitha cara fil-

verbal taghha tas-7 ta' Ottubru, 2004 illi tali ftehim kien wiehed bi qbil bejn il-partijiet u ma kienx qed isir b'ordni tal-Qorti. Dan jirrizulta kemm mill-kliem tal-verbal stess kif ukoll mid-digriet ta' din il-Qorti fuq ir-rikors pprezentat mill-kwerelanti stess dokument B esebit fl-atti.

Il-Qorti tifhem illi meta l-kwerelanti ghamlet il-ftehim kif registrat fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004, hija kient qieghda tirrinunzja implicitament ghal dak li kien gie degretat mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ghall-perjodu limitat u ma tistax tifhem, wara li effettivament hija segwit il-ftehim taghha ghall-hames xhur shah kif issa qieghda tippretendi li hija ma kienetx kuntenta bih u li l-imputat ma kienx marbut bih, izda li kien marbut bid-digriet ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi l-imputat JOSEPH BUGEJA fil-17 ta' Ottubru, 2004 ma kienx marbut bid-digriet mghoti mill-Qorti tal-Magistrat Gurisdizzjoni Volontarja nhar it-18 ta' Ottubru, 2001 u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------